MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 277/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Cordina)**
**Vs**

**John Christopher Martin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-5 ta' Gunju, 2001, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi**

**grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM803.42c bi hsara ta’ Norbert Camilleri.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 t’Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 t’Ottubru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew fin-nuqqas tapplikalu piena anqas iebsa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- 1. li l-appellant ma kellux il-hsieb – l-animu – li jiddefroda lill-kwerelant; 2. li l-fatti ma jaghtux lok ghall-kaz ta’ truffa u 3. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tas-sentenza citata minnha stess u gibdet konkluzzjoni zbaljata.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher li ghall-inqas l-ewwel zewg aggravji jirrigwardaw l-apprezzament ta’ fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-**

**konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .**

**"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

**"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very** ***reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet** "Ir-Republika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**" deciza fil-5 ta' Lulju, 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) li :-**

"Anki jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti , u dan ghal grazzja tal-argument biss u xejn aktar, hi tasal ghal xi konkluzzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzha b'taghha, kemm il-darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kienux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu ghalhekk , ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi ghall-provi li kellhom quddiemhom . Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, jrid ikun in kontradizzjoini manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett jigi eskluz bhala assolutament infondat ".

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

**Illi mill-atti processwali jirrizulta li kien hemm negozju bejn il-kumpanija tal-appellant u minnu mmexxija w l-kwerelant mifrux fuq certu zmien in konnessjoni ma xoghol li jirrigwarda *computers*. Jidher li fil-kors ta' dan-negozju kienu nhargu tlitt cheques partikolari mil-appellant biex jaghmlu tajjeb ghall-prezz ta' konsenji maghmula mill-kwerelant. Jidher li l-ewwel zewg cheques kienu *"post-dated*" u meta ma ssarfux, il-partijiet qablu li jigu sostitwiti b' kambjali. Dwar dawn l-ewwel zewg cheques ma jidhirx li hemm kwistjoni. Il-kawza odjerna tirrigwarda t-tielet cheque.**

**Issa, fil-waqt li l-appellant isostni li dan ic-cheque *"post-dated"* kien inhareg addirittura fuq talba ta l-kwerelant flimkien maz-zewg cheques l-ohra w dan biex il-kwerelant ikun jista' juri lill-bank tieghu li kellu kreditu favur tieghu, l-kwerelant isostni li dan it-tielet cheque numru 191 li jgib id-data tal-5 ta' Gunju, 2001 (Dok. JC2 a fol.16) ghall-ammont ta' LM803.42c, inhareg bhala korrispettiv ta' biegh u konsenja ta' *computer equipment* li suppost kellu jithallas bhala "*cash on delivery*" u mhux *"on credit".* L-Ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi, ddecidiet li l-versjoni tal-kwerelant fir-rigward ta' dan it-tielet cheque kienet aktar attendibbli mill-versjoni tal-appellant u li fil-fatt kien hemm zewg tipi ta' negozju w li l-kaz tat-tielet cheque kien differenti mill-kaz taz-zewg cheques l-ohra li pprecedewh. L-Ewwel Qorti rriteniet li dan ic-cheque kien inghata bhala *"the principal inducement*" biex l-appellant ikun jista' jixtri w jakkwista l-oggetti lilu mibjugha w konsenjati.**

**Illi din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghala ghandha tiddisturba dan l-apprezzament ta' fatt anzi kollox jindika li proprju kien hekk. Di fatti mill-istess fotokopja tac-cheque esebit jidher li l-kwerelant ipprova jsarraf dan ic-cheque *"promptly*" u ma raqadx fuqu. Tant li pprezentah lill-bank appena erbat ijiem wara li rcevieh fid-9 ta' Gunju, 2001 u rega pprezentah, kulll darba bla success, fit-18 u fis-27 ta' Gunju, 2001. Kull darba c-cheque gie *"referred to***

***drawer*”. Dan jindika li l-kwerelant ma kienx qed iqiesu bhala *“post-dated cheque*” biex ikun jista’ jurih lill-bank, imma kien qed jikkonsidrah bhala cheque li ried jigi msarraf - tant li pprova tlitt darbiet biex isarrfu f’qasir zmien, izda bla success.**

**Illi lanqas ma jidher li hu kontestat li meta emetta dan ic-cheque l-appellant kien jaf li fil-kont tieghu bankarju ma kellux fondi bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghalih.**

**Illi f’ cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta rriteniet li jkun hemm ir-reat ta’ truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b’ ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenja merkanizija *“on account”.* Anki fejn umbaghad wara l-appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret . (“**Il-Pulizija vs. Olaf Cini” **[21.6.2002].**

**Fil-kawza: “**Il-Pulizija vs. Franco Farrugia **, (App. Krim. [7.2.1985] Vol. LXIX. P596), gie ritenut li:-**

***“Il-hrug ta’ cheque fuq kont bla flus, jista’ jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent”***

**Fil-kawza :** “Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul**, App. Krim. [20.6.1997] li ghaliha ghamel riferenza l-istess appellant quddiem l-Ewwel Qorti gie effetivament ritenut li :-**

“Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe’ li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b’ hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta’ meta persuna b’ kwalsiasi forma ta’ qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x’ tifhem li ghandha

flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna."

**Fil-kaz ta'** Ellul **il-Qorti lliberat mill-akkuza ta' truffa ghax bil-fatt li l-appellant kien baghat cheque lil VAT Departnment u dan ma ssarrafx ma setax jinghid li l-qerq tieghu – il-hrug tac-cheque fuq kont vojt – incida (jew seta' jincidi) fuq id-Dipartiment b' mod li dak id-Dipartiment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li jgib it-telf u l-qliegh imsemmi. Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax minnhabba l-hrug tac-cheque, l-appellant materjalment akkwista l-konsenja tal-*computar equipment de quo* ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz.**
(**ara ukoll** : "Police vs.Anthony Francis Willoughby" **App. Krim. [12.2.1999],** ,"Il-Pulizja vs. Daniel Frendo " **App. Krim. [5.3.1994] u l-"**Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis" **App. Krim. [2.12.1959] )**

**Illi f' dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, kien hemm ukoll it-telf patrimonjali, ghaliex il-kwerelant telaq minn idejh "*computer equipment"* li ma kienx preparat li jitlaq kieku ma kienx ghal fatt li minnghalih bic-cheque in kwistjoni kien ser jithallas kemm ghall-prezz tal-istess *equipment* kif ukoll il-profitt legittimu tieghu. Dan it-telf patrimonjali kien zgur jissussisti fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat u cioe' meta, biex jakkwista l-konsenja tal-*equipment,* l-appellant emetta cheque li kien jaf zgur li ma setax jissarraf u fil-fatt baqa' ma ssarrafx. Kull transazzjoni li saret wara ma tannjentax l-elementi materjali w intenzjonali tar-reat li kienu ezistenti fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu. Se mai tista' biss tittiehed in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena, haga li indubbjament l-Ewwel Qorti ghamlet meta, b' mod alkwantu beninn ghall-appellant – li mhux l-ewwel darba li kiser difrejh mall-ligi - applikat id-dispozizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446.**

**Illi umbaghad ghall-buon fini jissemma ukoll dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell** "Il-Pulizija vs. Francis Debono" **[8.10.1992] li jkun hemm it-tielet element tar-reat ta' truffa w cioe' dak tal-qliegh bi hsara ta' haddiehor anki fejn kienu gew emessi zewg cheques bl-intiza bejn l-emittent u r-ricevitur tac-cheque li kellhom ikunu *"post-dated"*, meta wiehed minnhom sussegwentement ma ssarrafx fid-data li suppost ikollu jissarraf fiha.**

**F' il-kaz ta'** Debono **pero' din il-Qorti kienet laqghet l-appell u rrevokat decizjoni ta' htija ta' truffa ghaliex, fil-waqt li qed johrog ic-cheque, l-emittent Debono kien wera bic-car li c-cheque x' aktarx mhux ser ikun possibbli li jissarraf fid-data vicina li kien qed jinsisti ghaliha l-kreditur f'dak il-kaz hu kien qal lill-kreditur li kien qed jaghafsu hafna bl-insistenza tieghu ghal dak ic-cheque. Ghalhekk il-Qorti rriteniet li f' dak il-kaz il-kreditur kellu ragonevolment jifhem li kien hemm aktar minn possibilita' li c-cheque li kien insista ghalih hu ma kienx ser jissarraf u ghalhekk kien karenti l-element tal-*mens rea*. F' dan il-kaz pero' ma ghandna xejn minn dan. La kien kaz fejn il-partijiet ftehmu fuq il-hrug ta' *"post-dated cheque"* u lanqas ma jirrizulta li nghata xi forma ta' avvertiment lill-Norbert Camilleri mill-appellant li kien possibbli l-cheque in kwistjoni ma jissarrafx. Ghalhekk l-aggravvju li l-appellant ma kellux l-animu li jiddefroda mhux gustifikat u qed jigi respint.**
**Illi finalment ghar-rigward tat-talba sussidjarja ghar-riforma tal-piena, kif diga' ntqal, il-provvediment taht l-artikolu 22 tal-Kap.446 li bih l-appellant gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, kien wiehed alkwantu miti fic-cirkostanzi w ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-appellant jista' jibbenfika minn xi "*piena anqas iebsa*" kif qed jitlob.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------